



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

8.9.2011

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

(007/2011)

Mistoqsija għall-Ħin tal-Mistoqsijiet fil-Kumitat 001/2011  
skont l-Artikolu 197 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Linda McAvan u Christel Schaldemose

Suġġett: Sustanzi li jiddisturbaw l-endokrina u l-effetti tal-kombinazzjoni ta' sustanzi kimiċi (*cocktail effects*)

Ir-raba' rapport ta' implementazzjoni dwar l-Istrateġja Komunitarja dwar is-Sustanzi li jiddisturbaw l-Endokrina (COM (1999) 706)<sup>1</sup> ġie ppubblikat f'Awwissu 2011 (SEC(2011) 1001). Fl-2009, il-Kummissjoni kkummissjonat studju estern dwar l-istima avvanzata tas-sustanzi li jiddisturbaw l-endokrina sabiex tiġi pprovduta bażi (i) għall-iżvilupp ta' kriterji xjentifiki għall-identifikazzjoni tas-sustanzi li jiddisturbaw l-endokrina; u (ii) għall-analiżi u r-reviżjoni possibbi tal-Istrateġja Komunitarja. F'Jannar 2011 ġie ppubblikat rapport interim<sup>2</sup>, ir-rapport komplut huwa previst għat-tien nofs tal-2011.

- *X'inħuma r-riżultati u l-qagħda tal-ħidma li twettqet s'issa fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jiddisturbaw l-endokrina, partikolarment fir-rigward tal-istabbiliment tal-kriterji xjentifiki biex jiġu ddeterminati l-karatteristiċi tas-sustanzi kimiċi li jiddisturbaw l-endokrina?*

<sup>1</sup> għal ħarsa ġenerali ara [http://ec.europa.eu/environment/endocrine/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/environment/endocrine/index_en.htm)

<sup>2</sup> [http://ec.europa.eu/environment/endocrine/documents/summary\\_state\\_science.pdf](http://ec.europa.eu/environment/endocrine/documents/summary_state_science.pdf)

- *Xi progress għamlet il-Kummissjoni fit-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-mod kif ġħandu jiġi indirizzat l-effett tal-kombinazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jkun fihom sustanzi differenti kif talab il-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent f'Diċembru 2009*<sup>1</sup>?

---

<sup>1</sup> Effetti ta' kombinazzjoni ta' sustanzi kimiċi - Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2009 - dokument 17820/09 - <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/09/st17/st17820.mt09.pdf>